# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 30**

**Rikors numru 1059/16/1 MH**

**Pierre Darmanin**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana li b'ordni tal-Qorti għandu jkun imsejjaħ Direttur Ġenerali (Dwana)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors promotur ippreżentat minn Pierre Darmanin fil-21 ta' Novembru, 2016, għall-finijiet tal-Artikolu 28(2) tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tiegħu ngħad:

> "1. Illi l-esponenti ġie mgħarraf bin-nota ta' qbid hawn fuq imsemmija numerata 246/2016 datata 8 ta' Novembru 2016 li biha l-

intimat Kontrollur wetaq il-qbid tal-bastiment *MV Crystal Starlight [MFA7053]*;

2. Illi in segwitu l-esponenti kiteb lill-intimat fl-14 ta' Novembru 2016 u għarfu li huwa ma kienx qed jaqbel mal-ħruġ tal-imsemmija nota u li kien fi ħsiebu jikkontesta l-istess;

3. Illi l-esponenti qed iressaq dana l-umli rikors ai termini tal-artikolu 28[2] tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi l-esponenti jikkontendi li huwa ma huwiex sid il-bastiment imsemmi u għalhekk l-effetti tal-imsemmija nota ta' qbid *vis a viz* l-imsemmi bastiment huma monki u nulli u per konsegwenza l-intimat ma jista' qatt jikkonfiska l-imsemmi bastiment mingħand persuna li kif ingħad anqas biss hija proprjetarja tal-imsemmi effett mobbli;

5. Illi mingħajr preġudizzju, ma kienet qed issir ebda attivita illeċita li tippermetti li l-intimat jgħaddi biex jikkonfiska l-imsemmija opra tal-baħar u dana kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ tal-kawża;

6. Illi mingħajr preġudizzju, hemm l-element ta' proporzjonalita` li persuna ma għandhiex tingħatalha sanzjoni li tinkludi valuri ekonomiċi li jmorru ferm u ferm oltre il-valur ekonomiku tal-ksur li allegatament jkun seħħ;

Għalhekk minħabba r-raġunijiet premessi u oħrajn li legalment jistgħu jiġu sollevati waqt is-smiegħ ta' dana l-umli rikors, l-esponenti qiegħed jitlob li huwa jikkontesta l-ordni ta' qbid hawn fuq indikata u li għalhekk l-istess nota tiġi dikjarata nulla u bla effett għal finijiet u effetti tal-liġi.

Bl-ispejjeż".

2. Rat ir-risposta tad-Direttur Ġenerali (Dwana) tat-8 ta' Frar, 2017, li permezz tagħha wieġeb:

"**(I)** Illi in linea preliminari, għandu jiġi iċċarat li fil-preżent in-nomenklatura tal-Kap tad-Dipartiment tad-Dwana hija Direttur Generali (Dwana) u għalhekk jeħtieġ li ssir id-debita korrezzjoni fl-atti tal-każ odjern;

**(II)** Illi in linea preliminari wkoll, l-esponent jirrileva li in vista tal-fatt li r-rikorrent qed jiddikjara bil-ġurament tiegħu fir-Rikors Promotur li mhuwiex is-sid tal-bastiment *Crystal Starlight MFA7053 (Ex MFD53)*, huwa għandu jiddikjara x'interess ġuridiku għandu fiċ-ċirkostanzi odjerni sabiex jikkontesta l-azzjoni odjerna;

**(III)** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ukoll, għandu jiġi iċċarat li n-Nota ta' qbid fis-sentenza 246/2016 datata 8 ta' Novembru 2016 maħruġa fil-konfront tar-rikorrent Pierre Darmanin mid-Dwana, jidher li diġa qed tiġi ikkontestata permezz tar-Rikors Ġuramentat bir-referenza 1058/2016 quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili diversament preseduta;

**(IV)** Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost fir-rigward tal-mertu, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors Promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

(i) Illi jirriżulta mill-fatti tal-każ, li l-bastiment *Crystal Starlight MFA7053 (Ex MFD53)*, twaqqaf mill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta fl-ibħra territorjali Maltin fl-1 ta' Diċembru, 2011 f'ċirkostanzi suspettużi ferm. Fil-fatt, meta l-imsemmi bastiment ġie interċettat, ġie ordnat jidħol u jorbot mal-moll fil-Port il-Kbir taħt skorta tal-Forzi Armati ta' Malta. Hemmhekk, l-uffiċjali konċernati għamlu tfittxija estensiva abbord l-imsemmi bastiment fejn skoprew l-ammont komplessiv ta' (555,600) ħames mija u ħamsa u ħamsin elf u sitt mitt sigarett sdazjat tal-marki *Walton, Capital u Manchester* li fuqhom kien dovut (€73,339.20) tlieta u sebgħin elf, tlett mija u disa' u tletin Ewro u għoxrin ċenteżmu dazju tas-SISA; (€9,280.74) disa' t'elef, mitejn u tmenin Ewro u erba' u sebgħin ċenteżmu dazju ta' importazzjoni; (€17,771.81) sbatax-il elf, seba' mija, wieħed u sebgħin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu taxxa fuq il-valur miżjud li komplessivament jammontaw għal (€100,390.76) mitt elf u tlett mija u disgħin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu. Inoltre, ġew skoperti ukoll fuq l-imsemmi bastiment, (86.5) sitta u tmenin u nofs kilogrami tabakk sdazjat tal-marka *Samson* li fuqu kien dovut (€7076.57) seba' t'elef, sitta u sebgħin Ewro u seba' u ħamsin ċenteżmu dazju tas-SISA; (€1036.62) elf, sitta u tletin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu dazju ta' importazzjoni u (€1709.49) elf, seba' mija u disa' Ewro u disa' u erbgħin ċenteżmu taxxa fuq il-valur miżjud li komplessivament jammontaw għal (€9822.68) disa t'elef, tmien mija, tnejn u għoxrin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu. Illi għalhekk komplessivament kien hemm perikolat l-ammont komplessiv ta' (€110,213.44) mija u għaxar t'elef, mitejn u tlettax-il Ewro u erba' u erbgħin ċenteżmu f'telf ta' erarju pubbliku. Illi per konsegwenza ta' dan l-aġir illeċitu u sussegwentement li ġiet konkluża l-Inkjetsa Maġisterjali dwar dan il-każ fil-5 ta' April, 2016, l-uffiċjali tad-Dwana ipproċedew biex joħorġu n-Noti ta' Qbid bin-numru ta' referenza 245/2016 (fir-rigward tas-sigaretti sdazjati u tat-tabakk sdazjat li m'humiex kontestati permezz tal-proċedura odjerna) u n-Nota ta' Qbid bin-numru ta' referenza 246/2016 (fir-rigward tal-bastiment Crystal Starlight MFA7053 (Ex MFD53) ai termini tal-Kap. 37 u 382);

(ii) Illi l-Artikolu 68 u 69 tal-Kap 37 jipprovdi b'mod ċar li l-konfiska ta' kull mezz ta' ġarr li xjentement jkun ġie użat fil-ħabi jew trasport ta' oġġetti li fuqhom ma jkunx ġie mħallas jew kawtelati t-taxxi relattivi hija waħda tassattiva. Għalhekk, l-argument tar-rikorrent li fiċ-

ċirkostanzi odjerni, *in-Nota ta' Qbid bir-referenza 246/2016 hija monka u nulla* hija għal kollox insostenibbli stante li jirriżulta li, apparti li r-rikorrent Pierre Darmanin kien il-Kaptan tal-imsemmi bastiment meta inqabdu l-oġġetti sdazjati abbord l-istess bastiment, hu wkoll id-Direttur u r-rappreżentant legali u ġudizzjarju tal-kumpannija *Darmanin Fisheries Limited* (C52075);

**(V)** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ.

Għaldaqstant, l-esponent bir-rispett jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors bħala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjeż kontra r-rikorrent".

3. Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta' Ġunju, 2020, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi filwaqt li ċaħdet l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-intimat, laqgħet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu u ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Bis-saħħa tal-proċeduri odjerni r-rikorrent qiegħed tikkontesta Nota ta' Qbid bin-Numru 246/16 permezz ta' liema l-intimat qabad il-bastiment bl-isem ta' MV Crystal Starlight stante li fil-fehma tiegħu kien użat għal attivita' illeċita. Ir-rikorrent qiegħed jattakka l-validita' ta' tali Nota ta' Qbid u jitlob id-dikjarazzjoni ta' nullita' tagħha.

Minn naħa l-oħra l-intimat qiegħed jopponi t-talba tar-rikorrent għaliex isostni li n-Nota ta' Qbid impunjata nħarġet skont il-liġi wara li minn tfittxija li saret minn membri tal-Forzi Armati u uffiċjali tad-Dwana fuq il-bastiment in kwistjoni nstabu eluf ta' sigaretti sdazjati u tabakk sdazjat. Mill-investigazzjonijiet li saru rriżulta li fuq dawn is-sigaretti misjuba kienu dovuti eluf ta' Ewro f'dazju tas-Sisa, dazju ta' mportazzjoni u taxxa fuq il-valur mizjud, kollha riżultanti f'telf għall-erarju pubbliku. L-intimat għalhekk jiġġustifika l-ħruġ tan-Nota ta' Qbid fir-rigward tas-sigaretti sdazjati (Nru 245/16 – mertu ta' proċeduri separati) u n-Nota ta' Qbid mertu ta' dawn il-proċeduri fir-rigward tal-mezz tal-ġarr u ċioe' l-bastiment Crystal Starlight a tenur tal-Kap 37 u l-Kap 382.

Sintetikament mill-atti jirriżulta li –

i. **Fit-8 ta' Novembru 2016**[1] l-intimat ħareġ Nota ta' Qbid Nru 246/2016 permezz ta' liema r-rikorrent ġie nfurmat li l-bastiment bl-isem ta' MV Crystal Starlight – MFA 7053 (Ex MFD53) ġie maqbud mid-Dipartiment tad-Dwana peress li fl-1 ta' Diċembru 2011 intuża bħala mezz ta' ġarr ta' sigaretti u tabakk soġġetti għall-konfiska taħt l-Ordinanza tad-Dwana u l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa. Dan bi ksur tal-artikoli 68(1), 69 (1) (2), tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 u kif ukoll tal-artikolu 17 (2) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Ukoll fit-**8 ta' Novembru 2016** l-intimat ħareġ Nota ta' Qbid Nru 245/2016 fir-rigward tas-sigaretti sdazjati u t-tabakk sdazjat li jinsabu kontestati fi proċeduri quddiem din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet *Pierre Darmanin vs Kontrollur tad-Dwana* Rik Nru 1058/16 u li jinsabu differiti għas-26 t'Ottubru 2020 għas-sentenza;

iii. Skont ir-rikorrent[2] il-bastiment in kwistjoni jaħdem xogħol relatat ma' *fish farms* tat-tonn. Xi jumejn qabel ma nħarġu n-Noti ta' Qbid imsemmija, ir-rikorrent u membri oħra tal-ekwipaġġ tal-bastiment marru jagħtu xi xbieki tat-tonn lill-bastiment ieħor fuq il-baħar stess u kienu madwar mitejn u ħamsin mil ġol-grigal ta' Malta. Xehed li meta kienu fuq il-baħar sabu ħafna containers kif ukoll ħafna għamara u sigaretti f'wiċċ il-baħar. Hu qal li sabu dan kollu wara maltemp kbir u probabilment kienu waqgħu minn fuq xi vapur. Żied jgħid li huma ġabru dawn is-sigaretti pero' indunaw li kienu kollha mxarrbin u ma kellhomx valur. Pero' sabiex ma jitfgħuhomx lura fil-baħar għax iħammġu ddeċidew li malli jidħlu lura fl-ibħra territorjali ta' Malta javżaw lill-Awtoritajiet ħalli jieħdu ħsieb jiddistruġġuhom huma. Pero' dan ma laħaqx seħħ għax ġew imwaqqfa qabel mill-Forzi Armati ta' Malta sabiex jagħmlulhom spezzjoni meta kienu għadhom barra mill-port ta' Malta. Ir-rikorrent sostna li huma ma sabu ebda oġġezzjoni li l-awtoritajiet jagħmlu din l-ispezzjoni għax il-bastiment ma kellu xejn irregolari u l-oġġetti maqbuda kienu kollha mxarrbin bil-baħar u ma kellhomx valur fis-suq. Għalhekk fil-fehma tiegħu l-aġir tal-intimat kien bla sens u sproporzjonat għax apparti l-oġġetti konfiskati ġie konfiskat ukoll il-vapur.

iv. Skont ix-xhieda mressqa mill-intimat[3], fid-29 ta' Novembru 2011 l-uffiċjali tal-Forzi Armati kienu rċevew informazzjoni mingħand aġenzija oħra li seta' ser ikun qed isir trasferiment ta' oġġetti bil-kuntrabandu f'lokazzjoni partikolari. Huma pproċedew lejn il-lokazzjoni u circa 35 mil qabel ma waslu fiha nnutaw lanċa (dik mertu tal-proċeduri odjerni) miexja lejn il-lokazzjoni ndikata u kif waslet hemm l-ajruplan tagħhom innota wkoll bastiment ieħor wieqaf f'dik il-lokazzjoni. Sussegwentement fl-1 ta' Diċembru 2011 lanċa tal-Forzi Armati nterċettaw il-bastiment MV Crystal Starlight u wara li telgħu fuqu biex jagħmlu spezzjoni sabu kwantita' kbira ta' sigaretti u tabakk

[1] Fol 3.
[2] Affidavit a fol 46 et seq.
[3] Fol 102 et seq.

tal-brim sdazjati. Dawn ma kinux in plain view iżda nstabu moħbija f'xi partijiet tal-bastiment. L-uffiċjali identifikaw lir-rikorrent bħala s-sid tal-bastiment u meta qabel l-ispezzjoni staqsewh jekk kellux merkanzija abbord irrisponda fin-negattiv. Skont ix-xhieda tal-intimati s-sigaretti u t-tabakk sdazjati fil-maġġor parti tagħhom kienu f'kundizzjoni tajba u mhux imxarrbin. Id-dazju ta' l-importazzjoni fuq il-prodotti tat-tabakk li nstabu jammonta għal €10,317.36, id-dazju tas-SISA jammonta għal €80,415.77 filwaqt li t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tammonta għal €19,481.31. Il-valur totali ta' taxxi evażi fuq il-555,600 sigarett sdazjat u fuq is-86.5 kilogramm tabakk tal-brim sdazjat jammonta għal €110,214.44.

v. Fil-preżent in konnessjoni mal-istess episodju hemm pendenti wkoll proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Pierre Darmanin*.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat** tirrigwarda n-nomenklatura tal-Kap tad-Dipartiment, li tirriżulta ġustifikata u għalhekk sejra tintlaqa'.

**It-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimat** tirrigwarda l-interess ġuridiku tar-rikorrent -

> "....*in vista tal-fatt li r-rikorrent qed jiddikjara bil-ġurament tiegħu fir-Rikors Promotur li mhuwiex is-sid tal-bastiment Crystal Starlight MFA7053 (Ex MFD53), huwa għandu jiddikjara x'interess ġuridiku għandu fiċ-ċirkostanzi odjerni sabiex jikkontesta l-azzjoni odjerna;"*

Il-ġurisprudenza li tirrigwarda l-interess ġuridiku meħtieg sabiex persuna tkun tista' tipprocedi fil-Qorti b'kawża kontra persuna jew persuni oħra hija voluminuża. Fil-każ fl-ismijiet **Integrated-Capabilities (Malta) Ltd et vs Crowd Shout Holdings Ltd et deċiż fil-31 t'Ottubru 2016** il-Qorti qalet hekk-

> *"Fis-sentenza li tat fit-23 ta` April 2013 fil-kawża **"Amedeo Barletta noe et v. L-Awtorita` tas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta"** din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk:-*
>
> > *"Illi l-Qorti tqis li meta wieħed iħares lejn is-siwi ta` eċċezzjoni li tqanqal dubju dwar jekk hemmx tassew l-interess ġuridiku tal-parti attriċi li ssostni l-kawża, wieħed irid iżomm ma` dak li jipprovdi l-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta u mal-prinċipji li sa minn zmien twil ilu ssawru biex ifissru x`inhu meħtieġ biex tali interess isejjes il-jedd tal-azzjoni. Biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta` utilita` u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd (Ara App. Ċiv. 13.2.1953 fil-kawża fl-ismijiet **Manche` vs Montebello** (Kollez. Vol: XXXVII.i.56), b`mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex ipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi (P.A. 7.1.1953 fil-kawża fl-ismijiet **Camilleri vs Sammut** (Kollez. Vol: XXXVII.ii.605). Kien minħabba dan il-prinċipju li għadd ta` sentenzi caħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb`sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali (Ara App. Ċiv. 8.6.1942 fil-kawża fl-ismijiet **Cortis vs Bonello** (Kollez. Vol: XXXI.i.218);*

> *Illi, minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita` tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa` fil-kawża (App. Ċiv. 17.2.1993 fil-kawża fl-ismijiet* ***Sammut et noe vs Attard*** *(Kollez. Vol: LXXVII.ii.246).*
>
> *Hu stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att innifisu li bih tinbeda kawża (Ara App. Ċiv. 3.12.1984 fil-kawża fl-ismijiet* ***Borg vs Caruana*** *(Kollez. Vol: LXVIII.ii.232) u l-għadd ta` sentenzi hemm imsemmija, u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fir-Rikors Maħluf, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat (Ara App. Ċiv. 12.12.1983 fil-kawża fl-ismijiet* ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et****). Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew ġid, u jista` jeżisti wkoll fejn jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv (P.A. 13.10.1952 fil-kawża fl-ismijiet* ***Axiaq vs Mizzi noe et*** *(Kollez. Vol: XXXVI.ii.532), imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku (App. Ċiv. 15.12.1932 fil-kawża fl-ismijiet* ***Scolaro vs Bailey*** *(Kollez. Vol: XXVII.ii.195);"*

*Hekk ukoll fis-sentenza li tat fis-17 ta` Mejju 2011 fil-kawża "****MrBookmaker.com Ltd. v. Stichting De Nationale Sporttotalisator, entita` estera****" din il-Qorti (PA/FS) qalet:-*

> *"Din il-Qorti kif presjeduta, fil-kawża fl-ismijiet* ***Maria Tabone et vs Joseph Schembri****, deċiża fit-30 ta` Jannar, 2007 qalet: "Dwar il-kunċett ta` l-interess ġuridiku, jibda biex jingħad, li - Fil-kawża fl-ismijiet* ***Giulia Maria Millard vs George Said et noe*** *deċiża mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] ingħad li biex wieħed jista` jingħad li għandu interess ġuridiku li jipproponi azzjoni, hemm bżonn li l-kawża li jipproponi tkun tista' tipproduċilu riżultat utli jew vantaġġjuż għalih.*
>
> *Fil-kawża fl-ismijiet* ***Alexander Eminyan vs John Mousu` pro et nomine*** *deċiża mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Superjuri fit-28 ta` Frar, 1997 [LXXXI-11-429] ġie ritenut li l-interess ġuridiku jrid ikun reali u attwali u għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur u f`dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-aġir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali aġir.*
>
> *L-interess irid ikun ġuridiku, ċioe` bbażat fuq xi dritt pretiż leż ta` l-atturi. (Mattirolo Vol. I pag.50; Mortara VolI p.588). Il-****Mattirolo*** *f`dan ir-rigward jispjega li :-*
>
> > *"L`azione compete soltanto e tutela dei diritti; l`interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d`altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` `injuria datum`, se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto."*
>
> *Il-liġi qegħda hemm biex tipproteġi dak l-interess li għandu dritt bħala bażi tiegħu. Huwa għalhekk, li jingħad li l-interess huwa l-miżura ta` l-azzjoni.L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali ċjoe' jrid*

*joħroġ minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt. (Ara* ***Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe*** *deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fid-29 ta` Jannar 1997).*

*Illi minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett ta` l-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Hekk ġie ritenut fil-kawża* ***Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard*** *Appell Ċivili datat 17 ta` Frar 1993. Illi ġie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew ġid, u jista` jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jħares jew jagħti għarfien għall-jedd morali jew suġġettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku. (Ara* ***Axiaq vs Mizzi noe et*** *Prim Awla Qorti Ċivili deċiża fit-13 ta` Ottubru 1952,* ***Scolaro vs Bailey****, Appell Ċivili deċiż fil-15 ta` Diċembru 1932,* ***Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin****, Prim`Awla Qorti Ċivili deċiż fit-28 ta` Marzu 2003).*

*Dan il-prinċipju ġie ribadit fil-kawża* ***Falzon Sant Manduca vs Weale****, deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun ġuridiku, jiġifieri jkollu l-elementi meħtieġa biex isawru l-interess ta` l-attur, iżda dan l-interess m`hemmx għalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku. Il-Qrati tagħna, saħansitra taw deċiżjonijiet fis-sens li persuna għandha nteress li tiġi msejħa fil-kawża anke fejn la tista` tirbaħ il-kawża u lanqas tista` tiġi kkundannata, imma biss għaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet tagħha u għall-integrita` tal-ġudizzju. (Ara* ***Lawrence Farrugia vs Joseph Fava*** *deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fit-18 ta` Mejju 1995).*

*Għalhekk jekk wieħed jipprova jiġbor dawn il-prinċipji fil-qasir wieħed jista` jgħid li l-interess ġuridiku:*

*-irid ikun attwali [jeżisti fil-mument li tiġi proposta l-azzjoni riferibbilment għal ksur ta` jedd u jibqa` jeżisti fil-kors kollu tal-kawża]*

*- irid ikun dirett*

*- irid ikun leġittimu [konformi għal dritt ta` l-attur, u mhux biss interess]*

*- irid ikun ġuridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]*

*- l-azzjoni trid tkun kapaċi li twassal lill-attur għall-otteniment ta` vantaġġ u utilita`*

*- għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur*

*- il-kawża li jipproponi tkun tista` tipproduċilu riżultat utli jew vantaġġjuż għalih. - Irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-aġir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali aġir*

*- Ma jistax ikun ipotetiku, għalkemm jista` jirreferi għal jedd morali jew suġġettiv."*

*Illi fis-sentenza* ***Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et*** *(App. Ċiv. (Imħ JSP) – 6 ta` Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell sostniet:-*

*"Illi d-definizzjoni aċċettata fil-ġurisprudenza nostrana ta` interess ġuridiku hija dik tal-**Mortara** li jgħid li l-interess ġuridiku huwa `l`utilita` finale della domanda giudiziale nel tema dell`asserita` esistenza o violazione del diritto".*

*Illi għalkemm fis-sistema tagħna tista` tingħata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bażi li bih l-attur ikun jista` jippromwovi u jitlob l-aċċertament tiegħu permezz ta` l-awtorita` ġudizzjarja."*

*Fil-kawża* ***Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal- Pulizija fil-kwalita` tiegħu bħala Uffiċjal Prinċipali ta` l- Immigrazzjoni*** *(P.A. (JRM) 18 ta` Jannar 2001 – Ċit. Numru 1790/00/JRM), il-Qorti qalet hekk :-*

*"Illi għal bosta snin il-Qrati tagħna fissru li l-elementi meħtieġa biex isawru interess ta` l-attur f`kawża huma tlieta, u jiġifieri li l-interess irid ikun ġuridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B`ta` l-ewwel, wieħed jifhem li dak l-interess għandu jkollu mqar iż-żerriegħa ta` l-eżistenza ta` jedd u l-ħtieġa li tilqa` għal kull attentat ta` ksur tiegħu minn ħaddieħor. Dan l-interess m`hemmx għalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku [ara per eżempju, Qorti ta` l-Appell fil-kawża fl-ismijiet "**Falzon Sant Manduca vs Weale**", maqtugħa fid-9 ta` Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.11".*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***J. Muscat et vs R. Buttigieg et*** *(App. Ċiv. 27 ta` Marzu 1990 – Vol. LXXIV.iii.481) intqal: "L-interess irid ikun a) ġuridiku, jiġifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta` l-eżistenza ta` dritt u l-vjolazzjoni tiegħu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jeżisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi tagħha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, ħlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid joħroġ minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt, jiġifieri l-vjolazzjoni attwali tal-liġi trid tikkonsisti f`kondizzjoni pożittiva jew negattiva kontrarja għall-godiment ta` dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

*Fil-kawża deċiża mill-Prim`Awla fit-2 ta` Mejju, 2002 fl-ismijiet* ***George Laferla et vs Joseph Lauri et*** *ingħad li: "Huwa risaput li l-interess ta` l-attur f`kawża jrid jibqa` jissussisti matul il-ħajja ta` l-azzjoni, għaliex jekk tali interess jiġi nieqes, il-kawża ma tkunx tista` tissokta (ara "**Calleja vs Micallef**" deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fl-1 ta`April, 1992, u "**Sammut vs Attard**" deċiża wkoll mill-istess Qorti ta` l-Appell fis-17 ta` Frar, 1993).*

*Il-Qorti tosserva wkoll li l-interess ġuridiku, irid jissussisti matul il-ħajja ta` l-azzjoni. Meta dan l-interess tal-kumpanija attriċi naqas, il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. (**Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard**; App. Ċiv., 17.2.1993, Vol. LXXVII).*

*Illi f`sentenza oħra tas-17 ta` Frar 1993, l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fl-ismijiet **Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard** qalet li: "l-interess ġuridiku huwa risaput, irid jissussisti matul il-ħajja ta` l-azzjoni".*

*Ta` l-istess portata kienet is-sentenza li tat din il-Qorti (PA/RCP) fis- 26 ta` April, 2012 fil-kawża "**Nicholas de Giorgio v. Vincent Paul Savona et**" fejn ingħad hekk :-*

> *"Illi dwar in-nuqqas ta` interess ġuridiku tal-attur fil-mument li preżenta l-kawża huwa rilevanti li jingħad li "biex wieħed jipproponi domanda f`ġudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bżonn li jkollu interess fiha, jiġifieri hemm bżonn illi d-domanda ġġiblu riżultat utli jew vantaġġjuż" ("**Beatrice Manche noe –vsMaria Montebello**" A.C. - 13 ta` Frar 1953), "b`mod li jekk l-azzjoni ma twassalx biex tipproduċi tali riżultat għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi" ("**Giuseppe Camilleri et –vs Giuseppe Sammut et**"P.A. - 7 ta` Jannar 1953) u jekk ir-riżultat, jew sentenza, ma jkunx jista` jiġi użufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta ("**Michelangelo Bond –vs- Carmelo Mangion et**" A.C. 27 ta` Mejju 1991; u "**Albert Calleja–vsOrazio Micallef**" A.C. - 1 ta` April 1992).*
>
> *Fuq il-kunċett tar-riżultat vantaġġuż jew utli, ossija ta` l-utilita` ġuridika issir riferenza għas-sentenzi fl-ismijiet "**Veronica Farrugia et –vs Mary Buhagiar**" (A.C. - 2 ta` April 1993) u "**Joseph Attard et –vs Paul Baldacchino**" (A.C. - 5 ta` Ottubru 2001)."*

L-eċċezzjoni in eżami hija nfondata anzi frivola. Ir-rikorrent qiegħed jattakka n-Nota ta' Qbid 246/16 li nħarġet proprju fuq ismu bħala l-allegat sid tal-bastiment. Huwa minnu li huwa qiegħed jallega li mhuwhiex is-sid iżda din hija kwistjoni ta' prova fil-mertu u huwa ċertament għandu l-interess ġuridiku meħtieġ, fit-termini tal-ġurisprudenza ċitata, sabiex permezz tal-kawża odjerna javvanza l-pretensjonijiet tiegħu fir-rigward tan-Nota ta' Qbid in kwistjoni.

**L-eċċezzjoni hija miċħuda.**

**It-tielet eċċezzjoni tal-intimat** ukoll ser tiġi miċħuda peress li, kif irriżulta mill-provi, hija n-Nota ta' Qbid 245/2016 rigwardanti s-sigaretti sdazjati u t-tabakk sdazjat u mhux dik mertu tal-proċeduri odjerni li qegħda tiġi attakkata fil-kawża Rik 1058/16 quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Fil-mertu r-rikorrent ressaq l-azzjoni tiegħu a tenur tal-**artikolu 28 tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta)** li jipprovdi hekk -

> *“28.(1) Kull min jippretendi li xi oġġett maqbud ma kellux jiġi maqbud (din il-persuna hi hawnhekk iżjed ’il quddiem f’dan l-artikolu u fl-artikolu 29 imsejħa "ir-rikorrent") għandu, fi żmien tletin jum mid-data tal-avviż tal-qbid jagħti avviż bil-miktub dwar dik it-talba lill-Kummissarju.*
>
> *(2) Ir-rikorrent għandu, fi żmien tletin jum mid-data li fiha jkun ingħata l-avviż, jibda proċedimenti fil-qorti ċivili kompetenti biex jiġi dikjarat li dawk l-oġġetti ma kellhomx jinqabdu, u fin-nuqqas jiġi meqjus li t-talba tkun ġiet deżerta.”*

Ir-rikorrent jikkontendi li l-vapur in kwistjoni ma kellux jiġi maqbud għaliex:

A. huwa mhuwhiex is-sid tal-bastiment u għalhekk in-Nota ta’ Qbid hija monka;

B. ma kienet qed issir ebda attivita’ lleċita li tiġġustifika l-Qbid; u

Ċ. il-Qbid ikkostitwixxa nuqqas ta’ proporzjonalita’ peress li l-valur ekonomiku tal-bastiment hija ferm ogħla minn dak tal-ksur li allegatament seħħ.

Naturalment l-oneru tal-prova dwar jekk in-Nota ta’ Qbid 246/2016 għandhiex tiġi dikjarata nulla u bla effett tispetta lir-rikorrent. Kif jipprovdi **l-artikolu 77 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap 37 tal-Liġijiet ta’ Malta)** -

> *“Jekk meta jiġu mitluba lura oġġetti, maqbuda minħabba nuqqas ta’ ħlas ta’ dazju, jew għal raġuni oħra li ġġib magħha l-konfiska, inkella fi proċedimenti għall-ġbir ta’ xi piena ta’ flus jew xort’oħra skont din l-Ordinanza tinqala’ kwistjoni dwar jekk id-dazju li jmiss fuq dawk l-oġġetti kienx ġie mħallas, jew jekk dawk l-oġġetti kienux ġew importati jew trasburdati jew żbarkati skont il-liġi, jew dwar il-lok minn fejn kienu ġew dawk l-oġġetti, f’kull wieħed minn dawn il-każijiet il-prova tiegħu tmiss lill-persuna li tagħmel dik it-talba jew lill-imputat li kontra tiegħu jsir dak il-proċediment, skont il-każ.”*

In-Nota ta’ Qbid in eżami inħarġet a bażi ta’ ksur tas-segwenti artikoli –

<u>Kap 37</u>

> *“68.(1) Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi oħra ta’ ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali u ħwejjeġ oħra li jkun sar xjentement użu minnhom fl-importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fit-tiżmim, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta’ oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt din l-Ordinanza, suġġetti għal konfiska għandhom jiġu kkonfiskati:”*
>
> *69.(1) Il-bastimenti, l-oġġetti, il-vetturi jew mezzi oħra ta’ ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali jew ħwejjeġ oħra suġġetti għal konfiska, jistgħu jiġu maqbuda f’kull lok, sew fuq l-art kemm fuq il-baħar, minn kull uffiċjal tad-dwana jew tal-Pulizija, u meta dawn il-bastimenti, oġġetti, vetturi jew mezzi oħra ta’ ġarr flimkien maż-żwiemel u annimali u ħwejjeġ oħra jiġu hekk maqbuda, għandhom jitqiegħdu minnufih taħt*

*idejn il-Kummissarju jew b'xi mod ieħor jitpoġġew f'qagħda sikura fejn il-Kummissarju jkollu kontroll.*

*(2) Fil-konfiska ta' bastimenti, vetturi jew annimali jitqiesu li jidħlu l-armar, il-għodod u t-tagħmir tagħhom, u fil-konfiska ta' oġġetti jitqiesu li jidħlu l-kollijiet li fihom jinsabu l-oġġetti u dakkollu li l-kollijiet ikun fihom."*

Kap 382

*"17(2) ......vetturi, il-bastimenti jew mezzi oħrata' ġarr, użati jew li ser ikunu użati għal importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fiż-żamma, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt dan l-Att, soġġetti għal konfiska flimkien mal-proprjetà, mobbli jew immobbli, illi fiha jinstabu l-oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkun soġġett għal konfiska, għandhom jiġu konfiskati."*

In linea ta' ġurisprudenza u bħala prinċipju ġenerali ngħad hekk fil-każ **John Ellul vs Direttur Ġenerali (Dwana) deċiż fl-24 ta' Settembru 2019** -

*"11. Fis-Sentenza **Priscilla Cassar -vs- Il-Kontrollur tad-Dwana** mogħtija fid-29 ta' Jannar 2010, il-Qorti tal-Appell spjegat li "Dak li trid tara l-Qorti f'dawn il-proċeduri huwa li teżamina ċ-ċirkostanzi tal-każ fid-dawl tal-liġijiet doganali applikabbli u tara jekk ir-rikorrent huwiex intitolat li jieħu "lura l-ħwejjeg hekk konfiskati". ... **Id-dmir tal-Qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi hu mhux li tiddikjara valida jew nulla n-Nota ta' Qbid maħruġa mill-intimat ... iżda li teżamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiġġustifika l-qbid u għalhekk jekk il-qbid tal-oġġetti relattivi kienx legalment ġustifikat**." (emfażi u sottolinear tal-Qorti)."*

A. Ir-rikorrent jikkontendi li huwa la hu s-sid u lanqas kien il-kaptan tal-bastiment MV Crystal Starlight dakinhar u għalhekk l-effetti tan-Nota ta'Qbid 246/16 huma monki.

Il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet –

i. Bħala fatt, in-Nota ta' Qbid 246/16 fir-rigward tal-vapur Crystal Starlight MFA (ex MFD 53) ħarġet fuq isem Pierre Darmanin. Bħala fatt ukoll pero', in-Nota tindika biss u taqra t-*"Tagħrif dwar il-Persuni Konċernati/Particulars of the Persons Concerned."* Ma tagħmilx ebda referenza speċifika għal sid/sidien kif allura jippretendi bl-attakk tiegħu r-rikorrenti;

ii. Mill-provi rriżulta li l-vapur mertu tal-proċeduri odjerni huwa reġistrat fuq is-soċjeta' Darmanin Fisheries Ltd u ilu hekk reġistrat sa mit-3 ta' Mejju 2011 u hekk għadu sal-lum. L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni saret mir-rikorrent Pierre Darmanin bħala direttur tas-soċjeta' msemmija[4]. Apparti li huwa l-uniku Direttur, ir-rikorrent

[4] Fol 69 et seq.

huwa wkoll wkoll azzjonist maġġoritarju tal-kumpanija u għandu r-rappreżentanza legali u ġuridika tagħha. L-indirizz reġistrat tal-kumpanija huwa Solaris, Triq Dun Nard Mallia, Żurrieq[5]. Dan l-indirizz huwa l-istess wieħed tar-residenza tar-rikorrent u li huwa ndikat fuq in-Nota ta' Qbid;

iii. Jiġi nnutat ukoll li fil-formola *"Items withheld by Customs"* huwa f'isem ir-rikorrent li ġew iddikjarati li ttieħdu mill-uffiċjali tad-Dwana l-oġġetti li kienu fil-pussess tiegħu. U apparti d-dettalji personali tiegħu inkluż il-karta tal-identita' u l-indirizz personali kien ir-rikorrent innifsu li ffirma[6];

iv. Ma nġibux provi konkreti li juru formalment min kien il-kaptan tal-vapur dakinhar. Il-*crew list* esibita in atti ma tindikax minn kien il-kaptan[7]. Ir-rikorrent jgħid li dan kien persuna ta' nazzjonalita' Indoneżjana bl-isem ta' Valian[8]. In kontro-eżami xehed vagament li kien ċertu Ionos Valian u li ma jaħsibx li kien jinsab Malta iżda baqa' jiċħad li huwa kien responsabbli għall-bastiment[9];

v. **L-artikolu 27 (1) tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid hekk -

> *"Uffiċjal tas-sisa għandu jagħti avviż dwar kull qbid u r-raġunijiet dwaru lil kull persuna li, skont il-fehma tal-uffiċjal, kienet fiż-żmien li sar il-qbid is-sid jew is-sidien tal-oġġett, jekk magħrufa, u min ikun wettaq ir-reat."*

vi. **L-artikolu 72 (1) tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi hekk -

> *"Kull meta jsir qbid, barra minn meta jsir quddiem il-ħati jew is-sid, ta' oġġetti suġġetti għal konfiska taħt din l-Ordinanza, l-uffiċjal li jagħmel il-qbid għandu jagħti avviż bil-miktub ta' dan il-qbid u tar-raġuni tiegħu lil sid l-oġġetti maqbuda, jekk magħruf, sew billi jagħti dan l-avviż lilu personalment jew b'ittra irreġistrata indirizzata lilu jew imħollija fil-lok magħruf bħala l-aħħar li fih kien joqgħod jew li kellu n-negozju tiegħu f'Malta."*

vii. Ingħad hekk fil-każ **Louis Camilleri vs Kontrollur tad-Dwana deċiż fit-3 ta' Diċembru 2010 -**

> *"....kif osservat din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet* ***Joseph Schembri vs Kontrollur tad-Dwana*** *deċiża fit-3 ta' Ottubru, 2001: "..... L-avviż imsemmi fl-Artiklu 72 ma hu xejn ħlief rekwiżit mil-liġi biex il-parti interessata tkun taf bil-qbid u b'hekk tkun tista' tieħu dawk il-passi kollha lilha permessi bil-liġi."*

viii. Isegwi mis-suespost li l-liġi applikabbli mhijiex riġida u tassattiva fir-rigward tant li titlob biss il-ħruġ tan-Nota ta' Qbid tinħareġ fuq min *"fil-fehma tal-uffiċjal"*, kien is-sid u min ikun wettaq ir-reat. Tenut kont

[5] Fol 75 et seq.
[6] Fol 124.
[7] Fol 77.
[8] Fol 46 et seq.
[9] Fol 138 et seq.

tal-fatt fost oħrajn li r-rikorrent kien il-persuna li f'ismu ġie dikjarat li ttieħdu mill-pussess tiegħu l-oġġetti maqbuda, dikjarazzjoni li huwa ma ċaħadx mal-awtoritajiet f'dak il-mument *a tempo vergine*, huwa ferm plawsibbli li l-uffiċjali jqisu lir-rikorrent bħala s-sid fil-fehma tagħhom;

ix. Inoltre, kif anke ritenut fil-ġurisprudenza ċitata, l-għan ewlieni tal-liġi huwa li dik il-parti interessata tkun taf bil-qbid u b'hekk tkun tista' tieħu dawk il-passi kollha lilha permessi bil-liġi sabiex tissalvagwardja d-drittijiet tagħha. Ċertament li r-rikorrent, *qua* Direttur u azzjonist tas-soċjeta' li fuq isimha huwa reġistrat il-bastiment maqbud, għandu kull interess[10] li jkun infurmat bil-Qbid tal-istess bastiment;

x. Iżda fuq kollox u aktar importanti minn hekk huwa li dawn huma proċeduri *in rem* li finalment huma marbuta mal-bastiment u mhux mal-persuna li lilha jappartjeni. B'hekk il-konsapevolezza o meno ta' min kien is-sid tal-bastiment u l-*buona* jew *mala fede* tiegħu huma mmaterjali għar-riżoluzzjoni tal-vertenza odjerna;

xi. Dan apparti l-prinċipju stabbilit mill-ġurisprudenza li l-għan ta' proċeduri bħal dawk odjeni mhuwhiex li jfittxu n-Nullita' ta' Nota ta' Qbid a bażi ta' xi teknikalita' kif indikat mir-rikorrent, iżda li jiġi determinat jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiġġustifika l-qbid u għalhekk jekk il-qbid tal-oġġetti relattivi kienx legalment ġustifikat.

Għalhekk tħares minn fejn tħares lejh, l-argument imressaq mir-rikorrent dwar il-fatt lin-Nota ta' Qbid hija waħda monka u nulla għax maħruġa fuq ismu ma jreġix.

B. It-tieni argument tar-rikorrent huwa li ma kienet qed issir ebda attivita' lleċita fuq il-bastiment li tiġġustifika l-qbid tegħu.

Ingħad hekk fil-każ **Mario Falzon vs Kummissarju tad-Dwana deċiż fil-31 ta' Mejju 2018** -

*"....l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qrati nostrana għall-proċedura ta' konfiska hija li din hija klassifikata bħala azzjoni in rem.*

*Hekk sabet il-Qorti ta` l-Appell fis-sentenza tagħha mogħtija fid-29 ta` Jannar 2016 fil-każ fl-ismjiet "**Ahmed Ibrahim Hassan Ahmed Arafa v. Kontrollur tad-Dwana**". Hemm ir-rikorrent ttenta azzjoni skont l-Art 72 tal-Kap 37 u sostna li huwa kien kompletament estraneu għall-allegat att kriminali.*

*Il-Qorti ta` l-Appell wara li ċċitat l-Art 68 tal-Kap 37 qalet hekk :-*

*"Jiġi osservat mill-ewwel li dan l-artikolu ma jipprovdix biss għall-konfiska f`każ ta` żbark jew importazzjoni iżda saħansitra għat-twarrib, żamma,*

[10] Anke wieħed ġuridiku.

> *ħabi jew sempliċi ġarr ta` ħwejjeġ li huma suġġetti għall-konfiska. Darba li fuq il-vapur kien hemm oġġetti "suġġetti għall-konfiska" (ara wkoll l-Artikolu 6(5) tal-imsemmija Ordinanza), il-konfiska tal-bastiment hija waħda mandatarja."*
>
> *"L-appellant ġustament jisħaq li taħt din il-liġi speċjali ma hemm l-ebda limitazzjoni jew eċċezzjoni għal tali konfiska kontemplata, fis-sens li ladarba jirriżulta ksur tal-provvediment tal-Artikolu 68, il-konfiska hemm imsemmija hija mandatarja, billi l-Kontrollur tad-Dwana ma ngħata ebda diskrezzjoni."*
>
> *"Fil-fatt fil-ġurisprudenza tagħna ġie kostantament ritenut illi: 'Għal fini tal-Artikolu 68 dak li jitqies l-aktar ċentrali hu l-fatt li l-vettura ntużat biex jiġi mwettaq reat kontra l-ordinanza Doganali u li, in kwantu tali, kien assoġġetta l-istess vettura għal konfiska. Anke jekk il-fatti huma diversi, l-osservazzjoni in calce tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta` Frar 2003 in re: "**Cara Ltd -vs- Kontrollur tad-Dwana**" tibqa` waħda valevoli. A propożitu jingħad fiha illi 'l-proċeduri ta` konfiska huma proċeduri in rem. Ġjaladarba l-merkanzija daħlet Malta kontra l-Ordinanza tad-Dwana l-intimat kellu s-setgħa li jikkonfiskaha" – ara **Francis Xuereb pro et noe. v Kontrollur tad-Dwana** – deċiża mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fl-10 t`Ottubru 2005." (Sottolinear ta' din il-Qorti).*
>
> *"Jigi osservat ukoll illi x-xjenza o meno ta` sid il-bastiment jew sid il-vettura, skont il-każ, ma tiċċentrax fil-materja. Kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tad-29 t`Ottubru, 2010, fl-ismijiet **Helen Samantha Brett v. Kontollur tad-Dwana**:"*
>
> *"Illi minn qari ta` Artikolu 68 (1) tal-Kap 37 jirriżulta bla ebda dubju illi x-xjenza li qiegħed jitkellem fuqha l-leġislatur hija ta` dak li jkun qiegħed juża l-bastiment. Imkien il-liġi ma tagħmel distinzjoni bejn is-sid u l-utent tal-istess bastiment. Għalhekk fejn il-liġi ma tiddistingwix lanqas m`għandhom jiddistingwu dawn il-Qrati."*

*Fil-każ fl-ismijiet **Guido Vella vs Kontrollur tad-Dwana** deċiża mill-Prim`Awla tal-Qorti Ċivili fit-31 ta`Ottubru 2008 il-Qorti rriteniet:*

> *"Il-Qorti wara li eżaminat il-provi fid-dettal, tħoss li huwa probabbli li l-attur ma kienx jaf x`inhu għaddej u li l-operazzjoni li fiha kienet ser tinkiser il-liġi kienet saret minn nies oħrajn. Madankollu kif sewwa eċċepixxa l-intimat, din il-proċedura tal-konfiska hija waħda in rem u l-buonafede u innoċenza tal-proprjetarju tal-oġġett konfiskat ma jaffetwawx il-validita` tal-konfiska jekk l-oġġetti konfiskati jkunu il-'corpus delicti' fis-sens li jkunu ddaħħlu kontra l-Ordinanza tad-Dwana jew sar attentat biex dan isir – ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana** deċiża fis-27 ta` Frar, 2003".*

*F`sentenza oħra tat-13 ta` Novembru 2015, mogħtija mill-Prim` Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Farrugia v Kontrollur tad-Dwana**, l-Qorti filwaqt li għaddiet ir-rassenja ta` ġurisprudenza hawn fuq imsemmija, żiedet:*

> *"L-artikolu 68 tal-Kap. 39 ma jagħmilx distinzjoni jekk sid il-mezz tal-ġarr ikunx jaf jew le bl-attivita` kriminali...l-Artikolu 68 tal-Kap.37 ma jagħtix diskrezzjoni lill-Qorti, ġialadarba ma jagħmilx distinzjoni bejn min iwettaq l-att u s-sid tal-oġġett li jinqabad mill-intimat. .... L-artikolu 68 ma jipprovdix għall-eċċezzjoni fil-każ li sid ma kellux x`jaqsam f`reat".*

Fl-isfond tal-ġurisprudenza ċitata l-Qorti bla tlaqliq tgħid li xejn ma kkonvinċietha l-verżjoni tar-rikorrent dwar kif spiċċaw fuq il-bastiment is-sigaretti u l-prodotti tat-tabakk in kwistjoni u x'kien allegatament l-intendiment tiegħu li jagħmel bihom mal-wasla tiegħu fl-ibħra territorjali Maltin.

Fl-ewwel lok kien ferm evażiv fuq dettalji bażiċi li huwa stess semma u li seta' faċilment iforni biex jagħti ftit kredibilita' lill-verżjoni tiegħu – eż l-isem u d-dettalji tal-persuna li huwa ndika bħala kaptan tal-vapur, u l-isem tal-vapur li allegatament tah ix-xbieki. Lanqas ma nġiebet prova li dakinhar kien hemm xi għarqa ta' numru ta' containers b'merkanzija f'ibħra nternazzjonali kif allegat mir-rikorrent.

Iżda b'mod partikolari, mill-assjem tal-provi mressqa l-Qorti hija konvinta, fuq bażi ta' probabilta' li l-bastiment kien effettivament qed jintuża biex titwettaq attivita' lleċita. Dan għaliex partikolarment –

i. Ir-rikorrent jallega li l-kaxxi tas-sigaretti u t-tabakk li tellgħu mill-baħar "kienu kollha mxarrbin u ma kellhom l-ebda valur[11]". Iżda mix-xhieda tal-uffiċjali tal-Forzi Armati u tad-Dwana rriżulta bil-kontra u ċioe' li fil-maġġor parti tagħhom dawn kienu f'kundizzjoni tajba u ma kinux imxarrbin. Ġew esibiti wkoll ritratti;

ii. Filwaqt li r-rikorrent jallega li huwa u l-ekwipaġġ kellhom l-intenzjoni li malli jidħlu fl-ibħra territorjali Maltin jinfurmaw lill-Awtoritajiet b'din is-sejba ħalli jieħdu ħsieb jeqirduhom huma, irriżulta mod ieħor. Dan peress li mix-xhieda mressqa ntwera li meta l-uffiċjali li telgħu abbord biex jagħmlu l-ispezzjoni staqsewh jekk għandux xi ħaġa abbord, huwa wieġeb fin-negattiv[12];

iii. Inoltre l-merkanzija ma kinitx tidher iżda, kif xehdu l-uffiċjali, din kienet stivata tajjeb u **moħbija** f'partijiet tal-bastiment fosthom fid-*drain* tal-ħut; fattur dan li jkompli jimmilita' lejn it-teżi li allura din kienet tinsab hemm b'mod illeċitu.

Huwa paċifiku li merkanzija ta' sigaretti u tabakk hija suġġetta għall-ħlas ta' dazju ta' mportazzjoni u tas-SISA kif ukoll taxxa fuq il-valur miżjud, li f'dan il-każ ma tħallsux. Issa kif jipprovdu l-artikoli tal-liġi suċċitati u li a bażi tagħhom inħarġet in-Nota ta' Qbid, la l-bastiment in kwistjoni ntuża biex jinħbew u jinġarru dawn l-oġġetti li fuqhom ma tħallasx dazju, allura l-istess bastiment huwa *ex lege* suġġett għall-konfiska flimkien mal-merkanzija msemmija. U kif jirriżulta wkoll mll-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, l-konfiska tal-bastiment mhijiex diskrezzjonali iżda waħda mandatorja, tassattiva.

[11] Fol 46.
[12] Fol 107. B'referenza għall-argument tad-difensur tar-rikorrent dwar ġurisdizzjoni waqt it-trattazzjoni, tajjeb jingħad li l-bastiment tar-rikorrent ġie nterċettat madwar 7 mili nawtiċi lil hinn mid-daħla tal-Port il-Kbir (fol 123) u għalhekk l-awtoritajiet kellhom il-ġurisdizzjoni biex jagħmlu l-ispezzjoni fuq il-vapur.

Għalhekk fiċ-ċirkustanzi, l-ħruġ tan-Nota ta' Qbid 246/2016 inħarġet skont il-liġi.

Ċ. Ir-rikorrent isostni wkoll li n-Nota ta' Qbid imsemmija twassal għal nuqqas ta' proporzjonalita' peress li fil-fehma tiegħu il-valur ekonomiku tal-bastiment huwa ferm ogħla minn dak tal-ksur li allegatament seħħ.

Mill-provi rriżulta li l-bastiment in kwistjoni ġie stmat mid-Dwana fis-somma ta' mitejn elf Ewro (€200,000) [13], liema ammont jikkombaċja mad-dikjarazzjoni magħmula mir-rikorrent stess fir-rigward tal-valur tal-bastiment kif sottomessa lill-MFSA għas-sena 2015[14].

Minn naħa l-oħra rriżulta wkoll li l-valur totali ta' taxxi evażi fuq is-sigaretti u tabakk sdazjati jammonta għal mija u għaxar t'elef, mitejn u erbatax il-Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€110,214.44).

B'hekk, oltre l-fatt li fi kwalunkwe każ, kif ingħad fis-suespost, il-qbid tal-bastiment huwa tassattiv skont il-liġi, ma jirriżultax l-isproporzjon peress li l-valur tat-taxxi evażi huwa ferm għoli u jikkompara, anke jekk f'ammont inqas, mal-valur tal-bastiment.

B'hekk it-talba attriċi ma ġietx pruvata u l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimat sejrin jintlaqgħu".

5. Rat ir-rikors tal-appell ta' Pierre Darmanin li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata sabiex b'hekk tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat u tilqa' t-talba tal-appellant.

6. Rat ir-risposta tal-appell tad-Direttur Ġenerali (Dwana), li permezz tagħha talab li r-rikors tal-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant.

[13] Fol 24.
[14] Fol 26 et seq.

7. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in eżami;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

**Ikkonsidrat:**

9. Illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent Pierre Darmanin qiegħed jattakka n-nota ta' qbid li ġġib in-numru 246/2016, maħruġa fit-8 ta' Novembru, 2016, mid-Direttur Ġenerali (Dwana) fil-konfront tar-rikorrent bħala l-persuna konċernata, li permezz tagħha nqabad il-bastiment MV Crystal Starlight. Fuq l-istess nota ta' qbid jingħad li kienet inħarġet peress li fl-1 ta' Diċembru, 2011, l-istess bastiment intuża bħala mezz ta' ġarr ta' sigaretti u tabakk soġġetti għall-konfiska taħt l-Ordinanza tad-Dwana u l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa u dan bi ksur tal-Artikoli 68 (1) u 69 (1) u (2) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37), kif ukoll tal-Artikolu 17(2) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap. 382). Ir-rikorrent jikkontendi li peress li huwa mhuwiex sid il-bastiment, l-effetti tal-istess nota ta' qbid fil-konfront tal-bastiment huma monki u nulli u għalhekk l-intimat ma seta' qatt jikkonfiska bastiment mingħand persuna li mhix il-proprjetarja tal-istess mobbli, aktar u aktar meta ma kienet qiegħda ssir l-ebda attivita` lleċita`. Kwindi talab lill-Qorti sabiex l-ordni ta' qbid tiġi dikjarata nulla u bla effett.

10. Filwaqt li d-Direttur Ġenerali (Dwana) ressaq xi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, ikkontesta l-pretensjonijiet tar-rikorrent, in kwantu jikkontendi li l-proċedura ta' konfiska fejn inħarġet in-nota ta' qbid kienet waħda tassattiva u saret skont il-liġi, peress li l-bastiment kien il-mezz ta' ġarr ta' sigaretti sdazjati. L-intimat isostni wkoll li r-rikorrent, li huwa wkoll il-Kaptan tal-imsemmi bastiment, kien prezenti meta nqabdu l-oġġetti sdazjati abbord l-istess bastiment, u hu wkoll id-Direttur u r-rappreżentant legali u ġudizzjarju tal-kumpanija Darmanin Fisheries Limited.

11. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, permezz tas-sentenza appellata ddeċidiet il-kawża, billi ċaħdet l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-intimat, iżda laqgħet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu u konsegwentement ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent.

12. Ir-rikorrent ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u għalhekk interpona appell minnha. L-appell in eżami jissejjes fuq l-aggravju waħdieni li n-nota ta' qbid hija monka u nulla fil-konfront tiegħu għaliex effettivament, kif ġie ppruvat, il-bastiment MV Crystal Starlight mhuwiex proprjeta` tar-rikorrent, iżda huwa proprjeta` tas-soċjeta` kummerċjali Darmanin Fisheries Limited. Fl-aggravju tiegħu r-rikorrent appellant iqanqal is-segwenti punti:

(i) L-appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti żbaljat meta donnha mbarkat fuq eżerċizzju skorrett sabiex issalva l-iżball tal-intimat meta ħareġ in-nota ta' qbid mertu ta' dawn il-proċeduri, żball ta' traskuraġni kbira li seta' jiġi evitat li kieku l-intimat għamel il-verifiki meħtieġa. Jikkontendi li l-fatt li l-imsemmija nota hija skorretta mhix "teknikalita`" kif ingħad mill-ewwel Qorti, iżda żball elementari li seta' ġie evitat mill-intimat bi ftit ta' riċerka bażika. Isostni li jinsab sorpriż bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti, peress li b'hekk ġie leġittimat dak li legalment u ġuridikament ma seta' qatt, fil-fehma tiegħu, jiġi kkoreġut.

(ii) L-argument tal-ewwel Qorti li r-rikorrent kien l-uniku azzjonist, l-uniku direttur u li l-indirizz tas-soċjeta` huwa l-indirizz tiegħu, iħassbuh fis-sens li ngħataw importanza mill-ewwel Qorti, meta dawn iċ-ċirkostanzi ma jxejnu xejn mill-fatt li tali soċjeta` kummerċjali għandha personalita` ġuridika distinta minn dik tar-rikorrent. L-appellant jilmenta li dan l-argument l-ewwel Qorti skartatu, mentri l-fatt li huwa mhux is-sid tal-bastiment, għandha twassal li kull ordni u sanzjoni, anke sabiex tkun eżegwibbli, ma kellhiex tinħareġ kontra tiegħu, iżda kellha tingħata lis-sid, jiġifieri lill-kumpanija nvoluta. Il-kweżit jibqa' jekk il-fatt li n-nota ta' qbid ma nħarġitx fuq is-sid, iżda nħarġet fuq persuna nteressata, hux biżżejjed għall-korrettezza u l-effikaċja ta' nota ta' qbid.

(iii) L-appellant jikkritika l-ħsieb tal-ewwel Qorti li donnu m'hemmx ħtieġa li l-intimat ikun preċiż u akkademiku fil-konfront ta' min joħroġ in-nota ta' qbid, basta tinħareġ fil-konfront ta' persuna li tista' tikkawtela l-ordni mogħtija fin-nota ta' qbid. Iżda tenut kont li waqt l-inkjesta maġisterjali l-intimat kellu l-informazzjoni kollha meħtieġa qabel ma ħareġ in-nota ta' qbid, u għalhekk in-nota ta' qbid ma messha qatt inħarġet f'isem ir-rikorrent, li għandu personalita` ġuridika differenti mis-sid. Din il-kwistjoni, l-appellant jikkontendi li hemm ukoll diffikultajiet potenzjali, għaliex l-effetti tan-nota huma kontrih u mhux kontra s-sid, li ser jaqilgħu problema fl-eżegwibilita` tal-istess nota.

(iv) L-ewwel Qorti għamlet konfużjoni meta argumentat li l-proċeduri odjerni huma bbażati fuq azzjoni *in rem,* meta l-fatt li l-effett mobbli nzerta li kien bastiment, huwa konsegwenzjali għall-kwistjoni prinċipali f'dawn il-proċeduri, ċioe` kontestazzjoni bi proċedura speċjali ta' nota ta' qbid maħruġa mill-intimat. Il-mobbli kolpit seta' kien kull tip ta' effett mobbli u għalhekk wieħed irid joqgħod attent qabel ma jagħmel asserzjoni ġenerali bħalma għamlet l-ewwel Qorti. Għalkemm azzjoni *in rem* tolqot lill-bastiment u mhux lill-persuna li tkun is-sid, jibqa' l-fatt li l-proċeduri odjerni jirrigwardaw sanzjoni in segwitu għall-ħruġ ta' nota ta' qbid u għalhekk l-importanza li din issir u tiġi eżegwita kontra s-sid, peress li fl-aħħar mill-aħħar l-effetti tan-nota ta' qbid jolqtu s-sid. Dan jingħad dejjem fix-xenarju li l-intimat kien konsapevoli ta' min kien

verament sid il-bastiment. Għalhekk isostni li s-sentenza tal-ewwel Qorti timmerita li tiġi riveduta.

13. Jibda billi jiġi osservat li l-liġi doganali (Kap. 37) ma tipprovdix sempliċement għall-konfiska tal-oġġetti ta' kontrabandu, jew oġġetti suġġetti għall-ħlas ta' dazju li ma jkollhomx id-dazju mħallas jew kawtelat qabel, iżda taħseb ukoll għall-konfiska tal-oġġetti li jkunu jinstabu ppakkjati magħhom jew li jkunu ġew użati sabiex jaħbuhom (Artikolu 60 tal-Kap. 37). Saħansitra tipprovdi għall-konfiska ta' dawk il-bastimenti, vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr, flimkien ma' ħwejjeg ohra, li jkun sar xjentement użu minnhom, fost affarijiet oħra fl-importazzjoni, fiż-tiżmim, fil-ħabi jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt l-Ordinanza, suġġetti għall-konfiska, għandhom jiġu kkonfiskati (Artikolu 68 tal-Kap. 37). Il-bastimenti li huma suġġetti għall-konfiska jistgħu jiġu maqbuda kull fejn ikunu, sew fuq l-art, kif ukoll fuq il-baħar, minn kull uffiċjal tad-Dwana jew tal-Pulizija, u jitqiegħdu minnufih taħt idejn il-Kummissarju (Artikolu 69 tal-Kap. 37). Minn ħarsa lejn in-nota ta' qbid in kontestazzjoni a fol. 3 tal-proċess, wieħed jinnota li nħarġet kemm skont il-provvedimenti ta' dawn l-aħħar żewġ artikoli tal-liġi, kif ukoll skont l-Artikolu 17(2) tal-Kap. 382, li wkoll jipprovdi li bastiment jew mezzi oħra ta' ġarr użati għall-importazzjoni, żbark, twarrib, żamma, ħabi jew ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx tħallas huma soġġetti għall-konfiska flimkien mal-proprjeta`, mobbli jew

immobbli, illi fiha jinstabu l-oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkun soġġett għall-konfiska, għandhom jiġu konfiskati.

14. Mentri l-proċediment maħsub mil-leġiżlatur, bħala konsegwenza ta' / jew inċidentali għall-istess qbid, huwa li jinstama' minn Qorti ta' kompetenza ċivili, u ladarba l-liġi nnifisha tgħid li dwar kull proċediment bħal dan, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Artikolu 73 (5) tal-Kap. 37), huwa mistenni għalhekk li l-grad tal-prova mressqa jkun wieħed li joqgħod għall-proċedimenti ta' natura ċivili u mhux dak rigoruż tal-proċedimenti penali. Hekk ukoll, kif ingħad drabi oħra, peress li l-azzjoni attriċi hija waħda mibnija fuq liġi fiskali, dan ifisser ukoll li t-tifsira li trid tingħata lid-dispożizzjonijiet ta' liġi bħal dik, trid tkun waħda li toqgħod għall-kelma tal-liġi bla tiġbid żejjed. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Lulju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Zammit et v. Direttur Ġenerali (Dwana).**)

15. Dan kollu qiegħed jiġi ppreċiżat peress li din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel punt imqanqal mill-appellant fl-aggravju tiegħu, bħallikieku l-ewwel Qorti ttantat issalva xi żball fatali li għamel l-intimat fil-ħruġ tan-nota ta' qbid fejn ġie ndikat ir-rikorrent fil-vesti personali tiegħu fil-kaxxa ntitolata "Tagħrif dwar il-Persuni Konċernati", minkejja li s-soċjeta` Darmanin Fisheries Limited hija s-sid tal-bastiment suġġett tan-nota ta' qbid. Kif sewwa osservat mill-ewwel Qorti, l-Artikolu 27 (1) tal-Kap. 382 jipprovdi li

uffiċjal tas-sisa għandu jagħti avviż dwar kull qbid u r-raġunijiet dwaru lil kull persuna li, **<u>skont il-fehma tal-uffiċjal</u>, kienet fiż-żmien li sar il-qbid is-sid jew is-sidien tal-oġġett, jekk magħrufa, u min ikun wettaq ir-reat.** Filwaqt li l-Artikolu 72 (1) tal-Kap. 37 jipprovdi li **kull meta jsir qbid, <u>barra minn meta jsir quddiem il-ħati jew is-sid</u>, ta' oġġetti suġġetti għall-konfiska taħt din l-Ordinanza, l-uffiċjal li jagħmel il-qbid għandu jagħti avviż bil-miktub ta' dan il-qbid u tar-raġuni tiegħu lil sid l-oġġetti maqbuda, jekk magħruf, sew billi jagħti dan l-avviż lilu personalment jew b'ittra rreġistrata ndirizzata lilu jew imħollija fil-lok magħruf bħala l-aħħar li fih kien joqgħod jew li kellu n-negozju tiegħu f'Malta.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, ma hemm l-ebda tiġbid fit-tifsira tal-liġi meta l-intimat ħareġ in-nota ta' qbid f'isem ir-rikorrent, fid-dawl tal-fatt li kien proprju r-rikorrent, li kien preżenti waqt il-qbid, *a tempo vergine* pprovda d-dettalji tiegħu personali (inkluż il-karta tal-identita` u l-indirizz personali tiegħu) u ffirma huwa stess, mingħajr l-ebda kwalifika, bħala l-persuna ndikata bħala "*person from whom item/s is/are witheld"* għas-sigaretti u t-tabakk sdazjat (ara Dok. CA 1 fol. 127 tal-proċess), u fejn huwa l-istess rikorrent li kien indikat bħala l-kaptan tal-bastiment (ara Dok. CA 2 a fol. 128) li għamluha raġonevoli li l-uffiċjali tad-dwana jqisu lir-rikorrent bħala sid il-bastiment.

16. Għalkemm huwa minnu li minn verifiki ulterjuri l-intimat seta' jasal ukoll għall-fatt li kienet is-soċjeta` Darmanin Fisheries Limited, is-sid tal-

bastiment suġġett tan-nota ta' qbid in kwistjoni, il-fatt ukoll li l-istess soċjeta` għandha l-indirizz reġistrat tagħha bħala "Solaris", Triq Dun Nard Mallia, Żurrieq (ara fol. 28) li huwa l-istess indirizz tar-rikorrent, seta' serraħ moħħ l-intimat, li fi kwalunkwe każ, is-soċjeta` in kwistjoni, bħala sid il-bastiment, kienet ser tiġi notifikata wkoll il-persuna ġuridika li kellha interess tikkontesta l-istess nota ta' qbid. Wara kollox, kif ingħad drabi oħra, l-għan wara l-avviż imsemmi fl-Artikolu 72 tal-Kap. 37 huwa li l-parti interessata tkun taf bil-qbid u li għalhekk tkun tista' tieħu l-passi kollha skont il-liġi sabiex tipproteġi l-interessi tagħha (ara s-sentenza ċitata mill-ewwel Qorti ta' **Louis Camilleri v. Kontrollur tad-Dwana**). Minkejja l-fatt li l-prinċipju vantat mill-appellant li s-soċjeta` kummerċjali in kwistjoni għandha personalita` ġuridika distinta minn dik tar-rikorrent jibqa' wieħed validu, magħmula l-konsiderazzjonjiet hawn qabel, ma tqisx li l-interpretazzjoni mogħtija mill-ewwel Qorti hija żbaljata u għalhekk il-fatt li n-nota nħarġet f'isem l-appellant m'għandha tnaqqas xejn mill-korrettezza jew l-effikaċja tan-nota ta' qbid in kontestazzjoni.

17. Il-preċiżjoni li fuqha jisħaq l-appellant hija aktar konsonanti ma' formalitajiet li huma meħtieġa fi proċeduri kriminali milli dawk ċivili. Il-validita` tan-nota ta' qbid ma tiddependix mill-fatt jekk jirriżultax isem is-sid tal-oġġett ikkonfiskat fin-nota ta' qbid, wara kollox imkien ma jirriżulta mil-liġi in eżami li fin-nota ta' qbid jeħtieġ li jitniżżel isem is-sid taħt piena ta' nullita`, kif jippretendi l-appellant. Tant hu hekk, li l-proċeduri odjerni

huma proprju sabiex "*xi persuna*" li tixtieq tqanqal xi kwistjoni "*konsegwenza ta', jew inċidentalment għal*" qbid u mhumiex riservati għas-sid. Mentri l-għan wara dawn il-proċeduri quddiem il-Qrati Ċivili, mhumiex li nota ta' qbid tiġi dikjarata valida jew nulla, iżda li jiġi determinat jekk kienx hemm il-ksur allegat tal-provvedimenti tal-liġi nvokati mill-intimat u jekk l-intimat kienx legalment ġustifikat li joħroġ in-nota ta' qbid (ara sentenza ta' **Priscilla Cassar v. Il-Kontrollur tad-Dwana** ċitata mill-ewwel Qorti).

18. Skont ir-rikors promotur, ir-rikorrent appellant, qiegħed iressaq il-proċeduri odjerni għall-finijiet tal-Artikolu 28(2) tal-Kap. 382, bil-għan li jerġa' jakkwista lura l-bastiment suġġett tan-nota ta' qbid, u jiġi dikjarat li l-bastiment ma kellux jinqabad. Iżda sabiex jagħmel dan, kien meħtieġ li huwa jipprova li ma kien hemm l-ebda lleċitu li jinvolvi l-bastiment li jiġġustifika l-qbid tiegħu u mhux jekk in-nota ta' qbid inħarġitx validament mill-aspett purament formali. Din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tal-kawża, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, m'għandha l-ebda dubju li l-intimat kien tassew ġustifikat li joħroġ in-nota ta' qbid in kontestazzjoni. Iżda minflok l-appellant iressaq argumenti sabiex jikkonvinċi lill-Qorti li ma kien hemm l-ebda ksur tal-provvedimenti tal-liġijiet doganali, jittanta jaqbad mal-prinċipju tad-distinzjoni bejnu u bejn il-personalita` ġuridika tas-soċjeta` Darmanin Fisheries Limited, sabiex jipprova jxejjen l-effetti tan-nota ta' qbid, tabilħaqq fuq bażi ta' teknikalita`, kif ingħad mill-ewwel Qorti.

19. Fi kwalunkwe każ, kif ġustament osservat mill-appellat fir-risposta tal-appell tiegħu, il-proċedura ta' konfiska tal-bastiment hija waħda *in rem,* li allura hija marbuta mal-bastiment suġġett tal-konfiska u mhux ma' sid il-bastiment, u għalhekk il-kwistjoni ta' problemi konnessi mal-eżegwibilita` mqanqla mill-appellant ma jreġux. Huwa ritenut li, kuntrarjament għal dak li jingħad mill-appellant, l-ewwel Qorti ma għamlet l-ebda konfużjoni jew asserzjoni ġenerali li ma kinitx relevanti, meta stqarret fis-sentenza appellata li l-proċeduri odjerni huma bbażati fuq azzjoni *in rem.* F'dan is-sens hija relevanti r-rassenja ġurisprudenzjali magħmula fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Jannar, 2016, fil-kawża fl-ismijiet **Ahmed Ibrahim Hassan Ahmed Arafa v. Kontrollur tad-Dwana,** fejn fost affarijiet oħra ġie rilevat li f'proċedura *in rem,* il-fatt jekk is-sid kienx jaf jew le, ma jaffetwax l-istess konfiska. Hekk ukoll, fis-sentenza aktar reċenti ta' din il-Qorti, fil-kawża fl-ismijiet **Diane Holdings Limited et v. Kontrollur tad-Dwana** deċiża fis-27 ta' Ottubru, 2021, ingħad ukoll li:

> "...l-*proceduri ta' qbid huma ta' natura in rem u li l-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn is-sid u min uza l-bastiment ghall-garr ta' oggetti sdazjati, u jsegwi li* ***din il-Qorti hija marbuta li tapplika l-provvedimenti tal-ligi u mhux tiddeciedi fuq kriterji ohra****."*
> (enfasi ta' din il-Qorti)

Isegwi li lanqas dan l-argument imressaq mill-appellant ma jimmerita li jiġi milqugħ u għalhekk ser jiġi wkoll miċħud.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet kollha, tiddisponi mill-appell imressaq mir-rikorrent appellant, billi tiċħad l-istess u tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta' Ġunju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet premessi. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu kollha mir-rikorrent appellant, Pierre Darmanin.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm